23 ta' Frar, 1958

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

*Giovanni Vella versus Leone Gambin*

**Mandat Kawtelatorju — Danni — Penali — Appell — Art. 849 tal-Kap. 15.**

*Il-Qorti tista' tikkundanna għall-ħlas tad-danni u ta' penali ta' mhux aktar minn £100 lil min jottjeni mandat kawtelatorju jekk dana, fil-ħmistax il-ġurnata qabel it-talba għall-ispedizzjoni tal-mandat, ma jkunx għamel it-talba għad-dejn lid-debitur, jew, meta d-debitu ma jkunx likwidu, ma jkunx talbu jagħtih garanzija tajba, u meta l-istat tad-debitur kien hekk magħruf li ma kienx jagħti raġuni tajba biex wieħed jaħseb li d-debitur ma jkunx solvibili fiż-żmien ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza fuq il-pretensjoni tal-kreditur.*

*It-talba għall-ħlas tad-dejn jew għall-għoti tal-garanzija tista' ssir b'kull mod, u mhux meħtieġ li ssir b'att ġudizzjarju.*

*Jekk l-Ewwel Qorti tkun akkordat it-talba għall-kundanna tal-penali, il-Qorti ta' l-Appell ma għandhiex, bħala regola, tvarja l-ammont tal-penali kif fissat mill-Ewwel Qorti; u dan in forza tal-prinċipju illi, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-Qorti ta' l-Ewwel Istanza, il-Qorti ta' l-Appell ma tindaħalx ħlief f'każi ta' vjolazzjoni tal-liġi jew ta' inġustizzja manifesta.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li bih l-attur talab li l-konvenut jiġi kundannat iħal-

las lilu s-somma ta' £2210. 15. 11, bilanċ ta' ammont akbar lilu dovut għax-xogħol ta' kostruzzjoni tas-"Stoll Theatre", Senglea, Victory Street, ġà formanti l-blokk ta' bini fl-imsemmija Victory Street, numru 76-79, kantuniera ma' Point Street, nri. 89 sa 93, riżultanti mill-istima miġjuba bħala dok. C ma' l-att taċ-ċitazzjoni; bl-imgħaxijiet legali sal-pagament, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protesti tas-16 u tal-21 ta' Gunju 1952, u tal-mandat tas-sekwestru tat-2 ta' Ottubru 1952;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li qal (1) illi l-kawża ma messiex saret, għaliex huwa kellu bżonn żmien raġjonevoli biex jivverifika l-kejl mal-perit, u (2) illi l-mandat tas-sekwestru tat-2 ta' Ottubru 1952 huwa vessatorju, għaliex l-attur kien jaf li d-debitur kien proprjetarju ta' bini ta' valur rilevanti, u anki għaliex dak il-mandat ma kienx preċedut minn att ġudizzjarju kif trid il-liġi, u kwindi l-attur għandu jiġi kundannat iħallas penali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tas-16 ta' Diċembru 1952, li biha dik il-Qorti laqgħet it-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra l-konvenut tassabili kif kontra min ma jopponix, u kkundannat lill-attur iħallas lill-konvenut penali ta' £5, bl-ispejjeż tal-kap kontra l-attur; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi, kif jirriżulta mill-verbal in data 25 ta' Novembru 1952, il-konvenut ammetta li għandu jagħti lill-attur is-somma minn dan mitluba fl-att taċ-ċitazzjoni.... ......;

Illi dwar l-ispejjeż...........;

Illi huwa veru li l-konvenut, b'risposta għall-ittra ta' l-attur in data 28 ta' Settembru 1952 (fol. 29) biex il-konvenut iħallas lilu, mhux aktar tard mill-1 ta' Ottubru 1952, il-bilanċ ta' £2210. 15. 11........... kiteb lill-attur l-ittra in data tat-30 ta' Settembru 1952, fejn infurmah li kien irċieva l-ittra tiegħu u qallu li jerġa' jiktiblu malla jara "jekk huwiex kollox sewwa" (fol. 30);

Illi huwa wkoll veru li l-mandat kawtelatorju ġie spedit jumejn wara l-imsemmija ittra tal-konvenut, u li l-att taċ-ċitazzjoni ġie preżentat disat ijiem wara;

Illi però, għalkemm ma jistax jiġi negat li l-attur ma ħalliex żmien jgħaddi biex jaġixxi kontra l-konvenut, ma jistax proprjament jingħad illi l-attur kien fid-dover li jistenna

aktar..........;

Illi għaldaqstant l-eċċezzjoni tal-konvenut dwar l-ispejjeż ma għandhiex tiġi milqugħa;

Illi dwar *it-talba tal-konvenut* għall-kundanna ta' l-attur biex iħallas lilu l-penali kontemplata fl-art. 849 (4) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Illi l-konvenut ma talabx il-ħlas tad-danni, imma biss il-ħlas tal-penali, u għal *żewġ raġunijiet*—waħda billi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ma kienx preċedut minn att ġudizzjarju, u l-oħra *l-għaliex* il-konvenut huwa proprjetarju ta' bini ta' valur rilevanti;

Illi skond l-art. 849 *tal-Kodiċi* ċitat, il-Qorti tista' tikkundanna lil min irrikorra għal mandat ta' qbid għall-ħlas taddanni u għal piena ta' *mhux iżjed minn* £100 favur dak li kontra tiegħu jkun ġie maħruġ il-mandat, fost każijiet oħra, meta, fuq talba tal-konvenut għalbiex jitneħħa l-mandat, l-attur ma jippruvax li fil-ħmistax-il ġurnata qabel ir-rikors għall-mandat kien talab, b'*kull mod li j*kun, lill-konvenut biex iħallas id-dejn, jew, meta d-dejn ma jkunx likwidu, biex jagħti garanzija tajba, u meta *l-istat tad-debitur* kien hekk magħruf li ma kienx jagħti raġuni tajba biex wieħed jaħseb li hu ma jkunx solvibili fiż-żmien ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza fuq il-pretensjoni ta' l-attur;

Illi f'dan il-każ *jirriżulta li* l-attur, fil-ħmistax-il ġurnata ta' qabel, talab lill-konvenut biex iħallas is-somma kawtelata bil-mandat (fol. 29); dik *it-talba* saret per mezz ta' ittra; imma skond il-liġi dan hu biżżejjed, il-għaliex il-liġi ma tirrikjedix ħlief li tkun saret talba "b'kull mod li jkun";

Illi għalhekk l-ewwel motiv addott mill-konvenut il-għaliex l-attur għandu *jiġi kundannat* għall-ħlas ta' l-imsemmija penali ma jistax jiġi milqugħ;

Illi in rigward tat-tieni motiv, *l-intenzjoni* tal-leġislatur hija li ma jikkunsidrax benevolment il-mandati kawtelatorji, u li jawtorizza l-ispedizzjoni tagħhom biss meta jkun assolutament neċessarju, u li jħallihom *in vigore* biss għaż-żmien li jkunu neċessarji; u dina n-neċessità ta' dawk il-mandati għandha tkun manifesta u impellenti (Kollez. Vol. XXIV, parte I, paġ. 562);

Illi d-dispożizzjoni ta' l-ittra (c) tar-raba' linea ta' l-artikolu 849 tal-Kodiċi tal-Proċedura Civili, illi l-Qorti tista' tikkundanna lil min ikun ottjena l-ispedizzjoni ta' mandat ta' elevazzjoni kawtelatorju għar-riżarċiment tad-danni u għal penali f'somma ta' mhux iżjed minn £100 għaf-favur ta' kontra min dak il-mandat ikun ġie spedit, jekk l-istat tad-debitur ikun hekk magħruf li ma kienx jagħti raġuni tajba biex wieħed jaħseb li ma kienx ikun solvibili fiż-żmien ta' l-eżekuzzoni tas-sentenza fuq il-pretensjoni ta' l-attur — dispożizzjoni reża applikabili għall-mandati ta' sekwestru kawtelatorji in forza tad-dispożizzjoni kontenuta fl-art. 852 ta' l-istess Kodiċi ċitat — issib l-applikazzjoni tagħha fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-8 ta' Marzu 1912 fil-kawża "Grech vs. Micallef":— "Ogni qualvolta la condizione economica della persona che soffre il mandato, secondo l'intimazione generale di coloro che ebbero rapporti di interesse con tale persona, tra cui il ricorrente per la spedizione del mandato, era tale da non giustificare il dubbio della sua insolvenza al tempo della sentenza che si sarebbe data sulla domanda dell'attore". U jingħad ukoll f'dik is-sentenza :— "E' ovvio lo spirito di quella disposizione, di reprimere l'abuso di ottenere con dolosa leggerezza e per spirito di vessazione la spedizione di un mandato che, tenuto conto delle circostanze del caso, non potrebbe essere considerato come una cautela necessaria, ma piuttosto come un affronto ed un'onta che si voglia recare alla parte avversa, ed alle quali la legge non deve in alcun modo prestarsi........... non giustificherebbe tale misura nè la pertinacia del debitore a non soddisfare il debito ammenocchè non vi sia costretto con mezzi coativi, nè la sua abituale condotta di appigliarsi a qualunque pretesto, anche il più futile per non adempiere ai propri impegni, semprecchè egli possieda sostanze sufficienti per far fronte a tali impegni, e sia escluso il pericolo di trafugamento di quelle sostanze in pendenza del giudizio" (Kollez. Vol. XXI, parte I, paġ. 446/7) ;

Issa, fil-każ in ispeċje jirriżulta illi l-attur kien jaf li l-konvenut kien proprjetarju ta' stabili ta' valur wisq superjuri għas-somma kawtelata, u għal daqstant l-attur ma kienx

ġustifikat jitlob l-ispedizzjoni tal-mandat kawtelatorju fuq riferit, lanqas jekk minħabba r-relazzjonijiet bejnu u l-konvenut fuq riferiti seta' kien ġustifikat jaħseb li l-konvenut kien sejjer irraġjonevolment u vessatorjament jagħmel oppożizzjoni għall-ħlas, jew b'xi mod ieħor jiddilunga l-ħlas tad-debitu tiegħu;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut, li biha dan appella mis-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti tal-Kummerċ tas-16 ta' Diċembru 1952;

Rat il-petizzjoni tal-konvenut li talab li s-sentenza appellata tiġi riformata, billi tiġi revokata fejn akkollat lilu l-ispejjeż relativi ta' l-ewwel talba u tiġi riformata rigward l-ammont tal-penali, billi l-ammont tal-penali jiżdied u l-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi jiġu akkollati lill-attur;

Rat ir-risposta tal-konvenut, li wieġeb illi l-ispejjeż appellati ġew maqtugħa sewwa u li l-penali ma għandhiex tiżdied, għax id-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti hija insindakabili, u appella inċidentalment billi talab li s-sentenza appellata tiġi riformata in kwantu kkundannatu għal penali ta' £5 u għall-ispejjeż ta' l-istess kap, billi huwa jiġi liberat mill-penali u l-ispejjeż relativi, u l-konvenut kundannat iħallas l-ispejjeż ta' l-appell inċidentali;

*Omissis*;

Ikkunsidrat fuq l-appell tal-konvenut;

Illi kwantu għal kap ta' l-ispejjeż ta' l-ewwel talba għandu jiġi rilevat illi bħala r-regola t-tellief tal-meritu għandu fis-sentenza jiġi kundannat għall-ispejjeż (art. 221 (1) Kodiċi Proċedura Civili). Fil-każ in ispeċje ma hemmx raġuni li teżonera lill-konvenut mill-applikazzjoni ta' dik ir-regola, għax hu stess ammetta li kellu jagħti l-ammont mitlub, u sallum ma rriżultax li ħallas id-dejn. Irriżulta li qabel il-kawża l-attur talbu l-ħlas tal-kreditu tiegħu, u tah erbat ijiem biex iħallas. Dana kien wara li l-arkitett imqabbad miż-żewġ partijiet kien illikwida l-kont u bagħtu lill-konvenut, u bl-iskuża li jrid jivverifika l-kont il-konvenut ma ħallasx, u lanqas iddepożita. Preċedentement l-attur kien talbu, f'Gunju ta' qabel, almenu ħlas akkont; iżda lanqas il-ħlas akkont ma sar, u bejn il-partijiet għaddew diversi protesti u kontro-protesti

ġudizzjarji. Meta għaddew erbat ijiem fuq l-aħħar talba inutilment, l-attur ħa mandat ta' sekwestru kontra l-konvenut, u ġimgħa wara għamel it-taħrika, u b'hekk beda l-kawża preżenti. B'dana kollu, il-ammissjoni kollha tad-dejn da parti tiegħu, il-konvenut sal-lum ma ħallasx; u għalkemm għandu stabili u kreditu kontra l-War Damage Commission, ebda pass ma ħa biex jipprokura l-flus biex iħallas. Ċertament ma hux ġust li l-attur jibqa' jistenna indefinitament sakemm il-konvenut jogħoġbu jħallsu. Għaldaqstant ebda raġuni ma għandu l-konvenut jippretendi li ma jbatix l-ispejjeż tat-talba minnu ammessa;

Ikkunsidrat fuq l-ammont tal-penali;

Illi ma hemmx lok li dina l-Qorti tvarja d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, għax bħala prinċipju, fl-użu tal-poteri diskrezzjonali tal-Qorti ta' l-ewwel istanza dina l-Qorti ma tindaħalx ħlief f'każi ta' vjolazzjoni tal-liġi jew ta' inġustizzja manifesta; u dana mhux il-każ fil-kawża preżenti;

Ikkunsidrat fuq l-appell inċidentali ta' l-attur;

Illi l-mandati kawtelatorji huma intiżi biex iqiegħdu fissigur il-jeddijiet tal-kreditur (art. 832 Kodiċi Proċedura Ċivili), u għal hekk, intant hemm lok għal dawk il-mandati kawtelatorji, in kwantu jista' b'xi mod ikun hemm perikolu għal dawk il-jeddijiet; u meta ċ-ċirkustanzi tad-debitur huma magħrufin bħala tali li ma jħallu ebda dubju raġjonevoli fuq is-solvibilità tiegħu fiż-żmien l-eżekuzzjoni tas-sentenza, il-kreditur ma għandux raġun jikkawtela l-pretensjoni tiegħu, iżda għandu jistenna sakemm tinqata' s-sentenza u mbagħad jeżegwiha; inkelè huwa jirrendi ruħu passibili għall-penali skond l-art. 849 u 852 (c) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Fil-każ tal-konvenut, l-attur, għalkemm forsi vvessat bit-tnikkir tal-konvenut biex iħallas, ma setax jiddubita mis-solvibilità tal-konvenut, għax kien jaf ben tajjeb li dana kellu ħafna bini ta' valur kbir u kreditu kontra l-War Damage Commission, għax hu stess kien ħadimlu fir-rikostruzzjoni tal-bini, għalkemm flus fil-bank il-konvenut ma kellux. Għaldaqstant, għalkemm, in vista tat-tnikkir vessatorju tal-konvenut fil-ħlas l-attur għandu jiġi trattat b'ċerta klemenza, kif ittrattatu l-Ewwel Qorti, b'dana kollu ma jistax jippretendi

li kellu pjenament raġun jieħu l-mandat kawtelatorju u jiġi eżonerat mir-responsabilità tal-għemil tiegħu inġustifikat;

*Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti taqta' l-kawża billi tiċ-*ħad iż-żewġ appelli, prinċipali u inċidentali, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-kapi devoluti lilha; bl-ispejjeż ta' l-appell prinċipali kontra l-konvenut, u b'dawk ta' l-appell inċidentali kontra l-attur.